MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Numru. 525/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Daniel Zammit]**

**vs**

**Maxine Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maxine Micallef detentrici tal-karta tal-identita` numru 222393(M).

Akkuzata talli:

> Nhar is-7 ta' Mejju 2013, ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00hrs), gewwa Coppini, Triq Merkanti, Valletta ikkommettiet serq ghad-dannu ta' Doris Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).
>
> Akkuzata wkoll bi skur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienet giet misjuba hatja b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberata bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u stante li sar il-hlas relattiv, qed issib lill-imputata Maxine Micallef hatja tal-akkuzi kif dedotti

kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tikkundannaha hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1).

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------